**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 117/2019**

**John Micallef (KI 778455M) u Godwin Micallef (KI 778355M)**

**vs**

**Tsevtoka Svetlana Kalinova (KI 42745A)**

**Illum, 12 ta' Marzu 2021**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> "Illi l-esponenti krew lill-intimata il-fond bl-indirizz Black C, Talisman, Penthouse 6, Triq il-Wied, Birkirkara, Valletta, liema kera hija llum terminata;
>
> Illi l-intimata ma hallsitx l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li jammontaw ghas-somma ta' €327.29;

Illi inoltre, l-intimata ghamlet diversi hsarat fil-fond in kwistjoni u hadet ukoll sufan u erba' siggijiet mill-istess fond;

Illi l-hsarat fil-fond flimkien mal-valur tal-oggetti misruqa jammontaw ghas-somma ta' €2,769;

Illi l-intimata kienet hallset depozitu ta' €1,000 liema somma trid titnaqqas minn dak dovut mill-intimata kif spjegat aktar qabel;

Illi b'hekk t-total dovut mill-intimata jammonta ghas-somma €2,196.29;

Illi nonostante li l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas din hija baqghet indampjenti.

Tghid ghalhekk l-intimata dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:

1. Jiddikjara illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' €327.29 rapprezentanti arretrati ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma;

2. Jordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €327.29;

3. Tiddikjara illi l-intimata kkagunat danni lir-rikorrenti fis-somma €2,769 jew somma ohra likwidata minn dan il-Bord permezz ta' nomina ta' periti nominandi;

4. Tordna lir-rikorrenti ghandhom id-dritt izommu d-depozitu mhallas mill-intimata b'dan illi mis-somma hekk likwidata ghandu jitnaqqas dan id-depozitu ta' €1,000;

5. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €1,769 jew somma ohra likwidata skond it-tielet talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv."

Ra illi l-intimata ma prezentatx risposta.

Ra illi l-intimata giet debitament notifikata b'dawn il-proceduri skont kif jirrizulta a folio 11A, 13 sa 15, 17, 18 u 27 tal-process.

Ra illi l-intimata naqset illi tidher quddiem il-Bord sabiex tikkontesta t-talba u naqset ukoll milli tipprezenta risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-provi.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**It-Talbiet tar-Rikorrenti fl-qosor**

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu: (1) Dikjarazzjoni li l-intimata hija debitrici taghhom fis-somma ta' €327.29 rapprezentanti arretrati ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma; u (2) Kundanna sabiex l-intimata thallas l-istess; u (3) Dikjarazzjoni li l-intimata ikkagunatilhom danni fis-somma ta' €2,769 jew somma ohra; u (4) Ordni li r-rikorrenti jistghu jaqtghu d-depozitu ta' elf Ewro (€1,000) mis-somma dovuta; u (5) Kundanna sabiex l-intimata thallashom il-bilanc dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-intimata minkejja li debitament notifikata, kif fuq inghad, ma pprezentat l-ebda risposta u in oltre ma ikkontestatx it-talbiet tar-rikorrenti bl-ebda mod, stante illi ma dehritx quddiem il-Bord u ma resqet l-ebda difiza ghat-talba tar-rikorrenti.

**Provi**

Ir-rikorrent **John Micallef** xehed[1] viva voce kif ukoll prezenta affidavit tieghu a folio 30 sa 55 tal-process fejn ikkonferma li l-intimata ghad baqaghlha arretrati tal-hlas tal-kera xi thallas, ikkonferma ukoll illi ma hallsitx il-kont tad-dawl u l-ilma kif ukoll illi l-intimata ikkagunat diversi hsarat fil-fond mikri lilha. Ghal dan il-ghan ipprezenta wkoll il-kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma kif ukoll numru ta' ritratti illi juru l-hsara, stima tal-affarijiet li kellhom jitbiddlu, stima ghat-tiswija tal-hsarat redatta mill-Perit A. Fenech Vella kif ukoll kwerela lill-Pulizija sabiex jittiehdu passi kontra l-intimata.

Illi r-rikorrent **Godwin Micallef** xehed viva voce[2] u permezz tal-Affidavit tieghu a folio 56 tal-process ikkonferma dak li xehed ir-rikorrent l-iehor u allura kkonferma ukoll id-dokumenti esebiti mir-rikorrent John Micallef.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti t-talbiet taghhom jirrizultaw pruvati u jimmeritaw illi jigu milqugha.

---

[1] A folio 22 tal-process.
[2] A folio 24 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u (1) Jiddikjara illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' €327.29 rapprezentanti arretrati ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma; u (2) Jordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €327.29; u (3) Jiddikjara illi l-intimata kkagunat danni lir-rikorrenti fis-somma €2,769; u (4) Tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom id-dritt izommu d-depozitu mhallas mill-intimata b' dan illi mis-somma hekk dovuta ghandu jitnaqqas dan id-depozitu ta' €1,000; u (5) Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-bilanc dovut fis-somma ta' €1,769.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv a karigu ta' l-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur